# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Chev. Paul Saliba L.P.

## Seduta ta' nhar iT-Tlieta 17 ta' April, 2001 .

## Avviz numru : 11/00GT(PS)

**Maltacom plc .**

**VS**

**Geswalda Saliba, u b'degriet tal-11 ta' April, 2000, gie kjamat fil-kawza Emmanuel Saliba .**

**It-Tribunal ;**

**Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghal hlas ta' erbgha u sebghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (LM74.32c), ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 558980 (CN-303776), liema servizz gie installat fil-fond "Sunshine Ville", Triq il-Qolla, Marsalforn, Ghawdex, skond kif jidher mill-kopja tas-"Service Agreement" esebita u markata dokument "A" ;**

**Ra d-digriet moghti fil-11 ta' April, 2000, fuq talba tal-konvenuta, li permezz tieghu gie ordnat li jissejjah fil-kawza Emanuel Saliba, zewg l-istess konvenuta ;**

**Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza li permezz taghha huwa eccepixxa ;**

**(a) Illi, filwaqt li huwa jaqbel ma' dak li ntqal mill-attur dwar il-hin u l-lok fejn kien installat is-servizz tat-telefon bin-numru 558980, huwa jsostni illi dan in-numru kien ghas-servizz uniku u esklussiv ta' martu ;**

(b) **Illi, stante li hija biss kienet taghmel uzu minnu, hija kienet ir-"registered consumer" ;**

(c) **Illi llum il-konvenuta hija separata minn mal-kjamat fil-kawza minghajr ebda riserva fil-kuntratt tas-separazzjoni li l-kjamat**

**fil-kawza ghandu jhallas xi parti minn dan id-dejn inkors minnha ;**

(d) **Illi hija l-konvenuta biss li hija tenuta ghall-hlas ta' l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ;**

**Sema' bil-gurament lil Joseph Debrincat in rapprezentanza tas-socjeta' attrici; ezamina d-dokumenti esebiti u l-provi kollha prodotti; u ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet maghmula verbalment mid-difensuri tal-partijiet fit-trattazzjoni tal-kawza .**

**Jikkunsidra :**

1. **Il-kreditu mitlub mis-socjeta' attrici jkopri l-perijodu mit-2 ta' April, 1996, sal-11 ta' Novembru, 1996, skond prospett esebit u markat dokument "JD 1" . Dan gie konfermat bil-gurament fix-xhieda ta' Joseph Debrincat moghtija fit-23 ta' Jannar, 2001 .**

2. **Il-proceduri ghall-hlas ta' dan il-kreditu qeghdin isiru kontra l-konvenuta Geswalda Saliba peress li kienet hi, kif jirrizulta wkoll mid-dokument markat "JD 2", li applikat f'isimha, fl-14 ta' April, 1993, ghall-istallazzjoni tas-servizz tat-telefon, bin-numru indikat, fl-indirizz moghti fl-Avviz tat-Talba . Dan gie konfermat ukoll mill-istess rapprezentant tas-socjeta' attrici fix-xhieda tieghu .**

3. **Joseph Debrincat, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, xehed hekk :**

   > **"Il-linja tat-telefon inqatghet fl-1997 . Qabel, qatt ma saret talba ghall-qtugh . Qtajnieh ahna, ghaliex il-kont ma thallasx" .**

4. **Jigi rilevat "a priori" li mill-process ma jirrizultax li l-konvenuta pprezentat risposta in kontestazzjoni tat-talba attrici. Jigi rilevat inoltre li, matul il-kors kollu tal-proceduri, kemm il-konvenuta kif ukoll il-kjamat fil-kawza ghazlu li ma jixhdux .**

5. **Bis-sahha ta' kuntratt pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech tat-22 ta' Jannar, 2000, (dokument "ES 1"), kif awtorizzat b'degriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Volontarja, fuq rikors kongunt taghhom (dokument "ES 2"), il-konvenuta u l-kjamat fil-kawza, Geswalda u Emanuel konjugi Saliba, isseparaw minn xulxin ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u xoljew il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom, b'effett mill-istess data tal-kuntratt . Fl-istess kuntratt ta' separazzjoni ma saret ebda riferenza jew rizerva fir-rigward ta' xi djun li talvolta setghu kienu dovuti**

**mill-partijiet, jew minn xi wahda minnhom, precedentement ghall-pubblikazzjoni ta' l-istess att notarili .**

**6. Permezz tal-verbal tas-seduta tal-20 ta' marzu, 2001, id-difensur tal-konvenuta ddikjara li l-istess konvenuta "kienet u ghadha lesta thallas nofs il-kreditu rapprezentanti s-sehem taghha mill-komunjoni" . Bl-istess verbal, id-difensur tal-kjamat fil-kawza rrileva illi, fin-"nota ta' l-eccezzjonijiet " taghha, il-konvenuta "imkien ma ddikjarat li lesta thallas l-ammont pretiz, u verbal f'dan is-sens f'dan l-istadju inoltrat tal-procedura ma jistax iservi sabiex jezoneraha mill-ispejjez tal-kawza" . Din id-dikjarazzjoni tal-kjamat fil-kawza, pero', hija bazata fuq premess fallaci peress illi, kif diga' gie rilevat, il-konvenuta ma ipprezentatx risposta fil-terminu preskritt mil-ligi .**

**7. Dan premess, it-Tribunal jipprocedi bis-segwenti evalwazzjoni tal-fatti :**

**(a) Ma jirrizultax mill-provi jekk il-konjugi Saliba (il-konvenuta u l-kjamat fil-kawza), qabel ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, kinux separati "de facto", u, jekk kienu, kemm kien ilhom hekk . Lanqas ma jirrizulta, b'mod konvincenti u konklussiv, min kien qed jaghmel uzu mis-servizz tat-telefon "de quo" fiz-zmien kopert bil-kreditu pretiz .**

**(b) Jirrizulta, pero', li kienet il-konvenuta li, fl-1993, applikat f'isimha ghall-installazzjoni tas-servizz fid-dar matrimonjali taghha u ta' zewgha . Il-kreditu mitlub ikopri l-perijodu mit-2 ta' April, 1996, sal-11 ta' Novembru, 1996; u ma ngiebet ebda prova li, sadattant, kienet saret xi talba ghat-tnehhija tas-servizz . Skond ix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici l-qtugh tas-servizz tat-telefon mid-dar matrimonjali tal-konjugi Saliba sar fl-1997, u dan sar b'inizjattiva tas-socjeta' attrici peress li l-kont ma thallasx . Dawn il-fatti kollha sehhu <u>qabel ma giet xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti fis-sena 2000 .</u>**

**(c) L-artikolu 1327 (c) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jiddisponi illi "l-ispejjez u l-obbligi, <u>ukoll jekk isiru separatament,</u> ghall-htigijiet tal-familja" huma inkluzi fost id-djun li tbati l-komunjoni ta' l-akkwisti .**

**(d) Mill-premess jirrizulta, b'mod inekwivoku, li l-kreditu pretiz mis-socjeta' attrici jaggrava l-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti gia' ezistenti bejn il-konvenuta u l-kjamat fil-kawza, u ghandu jigi sopportat nofs ( ½ ) kull wiehed u wahda minnhom .**

**Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddecidi billi :**

1. **Jilqa' t-talba attrici, kif dedotta fl-avviz, ghall-hlas tas-somma ta' erbgha u sebghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (LM74.32c), dovuta kif fuq spjegat, u kif diretta kemm kontra l-konvenuta kif ukoll kontra l-kjamat fil-kawza, u dan fil-proporzjon ta' nofs ( ½ ) kull wahda u wiehed minnhom; u, konsegwentement**

2. **Jikkundanna lill-konvenuta u lill-kjamat fil-kawza jhallsu lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' LM74.32c, dovuta ghar-ragunijiet premessi, fil-proporzjon bejniethom ta' nofs ( ½ ) kull wahda u wiehed minnhom .**

**L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu in kwantu ghal nofs mill-konvenuta u nofs mill-kjamat fil-kawza .**

**(ft) Paul Saliba**
**Gudikatur**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

S1100GtPx
1022